KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/68/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 68**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 6 ta' Dicembru 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsiller Borg Myatt.

Il-Vici-Sindku Alfred Borg u l-Kunsillier Ferris kienu skuzati. Il-membri tal-kunsill accettaw li dawn il-Kunsilliera msemmija kienu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 67**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 2.1** – Il-Kunsillier Dalli staqsa x'sar dwar l-ittra li ntbaghtet mill-Kap tal-iskola tal-Kullegg San Gorg Preca, Skola Primarja A, Paola. Il-Kunsillier Seychell qal li hu personali kien mar ikellem lil Assistant Head dwar il-bollards. Is-Segretarju qal li ntbaghtet ittra lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

**Item 3.1 (Materji Konnessi)** – Il-Kunsillier Dalli staqsa x'gara fuq il-kont ta' Triq l-Arkata. Is-Sindku qal li l-kont huwa lest izda nzamm ghax hemm xi *patching* li sar hazin.

2) **Korrispondenza**

2.1 – Il-Kunsillier Dalli staqsa ghaliex ghadhom ma nghatawx it-€300.00 biex jinxtraw kotba eletronici ghall-iskola Primarja B li kienu gew sponsorjati u approvati mill-Kunsill. Is-Segretarju qal li kellem lis-Surmast tal-iskola, biex jghatina l-*invoice* izda ghadu ma ghadijilniex.

2.2 – Lista ta' kotba mill-Iskola St.Thomas More, Skola Sekondarja tas-Subien, Paola – Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa biex din il-lista tintbaghat lil diversi hwienet tal-kotba biex jaghtuna l-offerta taghhom u jkunu jistghu jinxtraw kotba ghal-librerija.

2.3 – Ittra mill-Paola Hibernians Football Nursery – Is-Sur Victor Ellul baghat ittra lil Kunsill biex issir laqgha bejn il-Kunsill u n-Nursery biex jigi diskuss ftehim gdid biex jerga' jigi organizzat l-*International Tournament* f'Mejju 2012. Wara diskussjoni, gie deciz li filwaqt li l-kunsill jaqbel f'dan il-principju ghax diga' sar dan it-*tournament* u diga' ghamilnieh, apprezzaw li dan is-suggett jigi diskuss mal-legislatura l-gdida tal-Kunsill.

**3) <u>Attivitajiet Milied 2011</u>**

3.1 – Il-Kunsillier Lynch qal li l-*party* tal-Milied ghat-tfal ser isir nhar is-Sibt 17 ta' Dicembru 2011 fis-Sala tal-Kunsill Lokali Paola u ser ikun hemm *Fun Train*, *Magician*, *clown* u aktar affarijiet ghat-tfal u l-*Party* tal-Milied ghall-anzjani ser isir nhar it-Tlieta 20 ta' Dicembru 2011 fil-*Palace Theatre*, Triq Hal Tarxien, Paola. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

3.2 – Il-Kunsillier Lynch zied jghid ukoll li l-ikla tal-Milied ghall-istaff u Kunsilliera ser issir fil-Lukanda *Inter-Continental*, f'Paceville nhar il-Gimgha 30 ta' Dicembru 2011.

3.3 – Is-Sindku qal li ser issir reception ghall-kuntratturi tal-Kunsill nhar l-Erbgha 21 ta' Dicembru 2011 f'12.00pm u ser issir bibita' ghall-ghaqdiet tal-lokal nhar il-Hamis 22 ta' Dicembru 2011 fis-7.00pm fis-sala tal-Kunsill.

3.4 – Is-Sindku qal li l-programm tal-attivitajiet dwar Milied f'Casal Paola li ser issir nhar is-Sibt 17 ta' Dicembru 2011 ser jitqassam fid-djar madwar Rahal Gdid kollu. Il-membri tal-kunsill approvaw.

**4) <u>*Performance Bonus*</u>**

4.1 – Is-Sinjorina Alison Panzavecchia harget mill-kamra biex jigi diskuss il-*performance bonus* tal-impjegati tal-Kunsill.

4.2 – Wara diskussjoni, sar qbil li Alison Panzavecchia u Anthony Gatt tinghata 6%, Josephine Camilleri tinghata 4.5% u Kristian Zammit jinghata 3%.

4.3- Wara diskussjoni, sar qbil li Kevin Borg jinghata 10%.

**5) <u>Progetti</u>**

5.1 – Saret diskussjoni dwar il-Progett ta' Pjazza Antoine De Paule. Sar qbil li biex il-Kunsill jaccetta l-progett ta' kif gie imfassal mit-TM, l-ewwel iridu jitressqu l-proposti tal-Kunsill Lokali Paola.

5.2 – Il-Kunsill qabel li ser jitlob lit-TM biex Triq Zabbar u Triq Bormla isiru *one-way*.

5.3 – Il-Kunsill qabel ukoll li diversi toroq issir it-*timed parking scheme*. Dawn it-toroq huma Triq il-Knisja (minn Pjazza Ant De Paule sa Triq is-Sorijiet), Triq Guze D'Amato (minn Pjazza Ant De Paule sa Triq is-Sorijiet), Triq tal-Borg (minn Pjazza Ant De Paule sa Triq is-Sorijiet), Triq Bormla, Triq Haz-Zabbar, Triq Lampuka (minn Zabbar Rd sa Tarxien Rd), Triq il-Palma, Triq San Guzepp (mill-Iskola sa Zabbar Rd), Triq Joseph Stivala (minn Zabbar Rd sa Triq is-Sorijiet), Triq il-Qalb ta' Gesu', Triq Mater Boni Consilii (minn Triq Bormla sa Triq Haz-Zabbar), Triq Ninu Cremona ( minn Pjazza Ant De Paule sa Triq Brittania), Triq l-Arkata ( minn Pjazza Ant De Paule sa Triq Brittania) u Triq Ninu Cremona ( minn Pjazza Ant De Paule sa Triq Brittania) u Pjazza Antoine De Paule.

6) **Pagamenti**

7.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

7.2 – Re Cekk nru 4077 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa tal-mera tat-traffiku li twahhlet fi Vjal Santa Lucia.

7.3 - Re Cekk nru 4103 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa tal-hadid u tal-injam li nxtara biex isiru 6 bankijiet li ser jitwahhlu fi Pjazza Ant.de Paule quddiem il-Knisja ta' Kristu Re.

7) **Aggornament**

7.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 24/01/12

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku